Dipartiment
tax-Xogħlijiet Pubbliċi

# Fuq il-Lant

Ħarġa Nru 3 - Marzu 2022

## Xogħol fi Triq ir-Ruħ fl-Imġarr

Waslu fi tmiemhom ix-xogħlijiet li saru fi Triq ir-Ruħ fl-Imġarr. Din it-triq twasslek għaċ-ċimiterju tal-istess lokalità u hija viċin ħafna ta’ sit arkeoloġiku importanti ħafna, dak tat-tempji Ta’ Ħaġrat. Fil-fatt ix-xogħol kollu li għamilna sar taħt is-superviżjoni tas-Sovratindenza tal-Patrimonju Kulturali. Ix-xogħol kollu sar mill-ħaddiema tagħna.

Peress li din it-triq f’nofs il-kampanja twasslek għaċ-ċimiterju tal-Imġarr, ġie deċiż illi tul it-triq isiru u jitqiegħdu statwi li jirrappreżentaw l-istazzjonijiet tal-Via Sagra. Inqalgħet il-bankina l-antika u nbniet waħda ġdida li nksiet biċ-ċangatura tal-porfido, u fit-tarf tal-istess bankina saret kurduna tal-lava. Tranġa, u fejn kien meħtieġ inbena mill-ġdid, l-ħajt tas-sejjiegħ eżistenti u f’daħliet li ser iservu bħala niċeċ għall-istatwi tqiegħdu blokok tal-qawwi li nqatgħu apposta u tal-qies biex fuqhom ikunu jistgħu jiġu mmuntati l-istatwi tal-istazzjonijiet tal-Via Sagra. Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr kien ukoll sieħeb f’dan il-proġett u responsabbli għall-istatwi fost affarijiet oħra.

Ħadna ħsieb ukoll li tiġi installata sistema ta’ dwal moderni u ta’ konsum baxx biex jilluminaw il-Via Sagra. B’hekk din tkun tista’ titgawda lejl u nhar.

Bħala Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi investejna madwar €40,000 fuq dan il-proġett, filwaqt li l-Kunsill Lokali tal-Imġarr nefaq €11,000 biex b’kollox is-somma ġiet tlaħħaq mal-€51,000.



COMMUNICATIONS UNIT
DIPARTIMENT TAX- XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

2292 2292

info.pwd@gov.mt

publicworks.gov.mt

Public Works Department Malta



# Inawgurat proġett ieħor ta' Arti fi Spazji Pubbliċi




Fil-5 ta' Marzu inawgurajna proġett ieħor minn sensiela ta' sitt installazzjonijiet ta' Arti fi Spazji Pubbliċi bl-isem ta' The Wave of Life (Il-Mewġa tal-Ħajja). Dan il-proġett, flimkien ma' ħamsa oħra, intgħażel minn fost 33 applikazzjoni.

The Wave of Life hija xogħol l-artist Charles Zammit u tqiegħdet biswit il-grawnd tal-futbol ta' Ħad-Dingli. Dan ikompli jikkumplimenta proġett ieħor tagħna fl-istess żona li konna lestejna s-sena li għaddiet. Din l-installazzjoni artistika tirrappreżenta t-tlugħ u l-inżul tal-ħajja. L-uċuħ ta' din l-iskultura huma llustrati, ħalli mbagħad, maż-żmien, in-natura tagħmel xogħolha. Dan ikun ifisser li fil-ħajja kollox jibda frisk u ġdid imma waqt li ż-żmien jibda għaddej u jħalli l-marki tiegħu, iċ-ċiklu tal-ħajja jagħmlek iżjed sod, matur u tiflaħ għall-isfidi.

L-iskultura ġiet skolpita minn ġebla waħda magħrufa bħala Pietra di Lecce. Bħala msieħba fil-proġett kien hemm ukoll il-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli.

# Jitlestew ukoll ix-xogħlijiet fil-Wesgħa ta' Triq il-Mitħna f'Ħaż-Żebbuġ

Ix-xogħlijiet fuq il-proġett ta' tisbiħ u riġenerazzjoni fi spazju miftuħ ġewwa Triq il-Mitħna f'Ħaż-Żebbuġ issa huma lesti u ġew inawgurati f'Jannar li għadda. Sar xogħol infrastrutturali għall-immaniġġjar tal-ilma tax-xita, għat-tqegħid ta' ċangatura, għall-pavimentar bil-porfido, kif ukoll għat-tħawwil ta' siġar u arbuxelli. Tlestew ukoll xogħlijiet fiż-żona ta' parkeġġ li hemm ħdejn dan il-proġett inkluż xogħol ġdid ta' tarmak.

Ġiet installata sistema elettrika ġdida flimkien ma' sistema ta' dawl modern b'konsum baxx u cameras tas-sigurtà. Ġiet installata għamara ta' barra u tagħmir modern ieħor ta' rikreazzjoni u eżerċizzju kif ukoll parkeġġ sigur għar-roti.

Ir-residenti esprimew sodisfazzjon kbir lejn dan il-proġett u persważi li ser ikompli jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tagħhom.



# Il-Football Nursery tax-Xgħajra Tornadoes



Dan il-proġett sar bħala miżura tal-Bagit (BM 103b) fil-leġiżlatura tal-2013 u 2017, fejn skont ftehim milħuq mal-Kunsill Lokali, il-binja tan-Nursery kellha ssir mill-Gvern filwaqt illi l-pitch tal-'five-a-side' biswit il-binja, li kien inkluż fil-permess, kellu jsir mill-istess Kunsill Lokali.

Bħala Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi konna responsabbli għall-bini tal-kumpless tal-Football Nursery. F'dan il-bini nsibu sala prinċipali, uffiċini, toilets u doċoċ, kif ukoll kmamar għat-tibdil.

Wara li nkisbu l-permessi neċessarji, saru x-xogħlijiet preparatorji fl-ewwel xhur tal-2020, inkluż it-twaqqigħ ta' maħżen żgħir li kien jinsab fuq is-sit, u beda x-xogħol ta' kostruzzjoni f'Marzu tal-2020. Dan tlesta f'Ottubru tal-2020 u segwew xogħlijiet ta' servizzi, CCTV, ħarsien min-nirien, kisi u tibjid, aperturi, madum, ħitan ta' lqugħ kif ukoll rixtelli.

Dan il-proġett huwa mistenni li jkun konkluż dalwaqt.

# Xogħol li sar fi Triq Doni u l-madwar fir-Rabat

Dawn l-akwati jinsabu fil-qalba tar-Rabat u jgħaqqdu ċ-ċentru ta' din il-lokalità ma' Triq Għeriexem u ma' postijiet oħra importanti u tant imfittxija kemm mill-Maltin kif ukoll mit-turisti. Sar xogħol ta' restawr mal-faċċata tal-knisja ta' Doni li issa ser tibda tkun aktar attiva u taħt il-kustodja tal-Kavallieri tas-Santu Sepurklu. Ma' din il-knisja ġew installati dwal arkitettoniċi ġodda u apposta biex din il-faċċata sabiħa tkun tista' tiġi gawduta filgħaxija wkoll.

Triq Doni nqalgħet kollha u nbidlulha wkoll is-servizzi, tneħħew il-cables kollha antiki li kienu jaqsmu u jkerrhu t-triq. Saret bażi ġdida ta' art tal-konkos bil-membrane filwaqt li tqiegħdu spralli u saret sistema apposta biex taqbad l-ilma tax-xita. Tqiegħdet ċanġatura fuq disinn sabiħ b'pavimentar tal-porfido u tal-qawwi tul it-triq kollha.

Ġiet installata sistema ġdida u moderna ta' dwal b'konsum baxx, kif ukoll arbli dekorattivi għalihom, filwaqt li ġie ffurmat taraġ ġdid li jwasslek għall-belvedere ta' Triq Għeriexem kif ukoll poġġaman dekorattiv li jikkumplimentah.

B'kollox dan ix-xogħol kollu ġie jiswa madwar miljun ewro.



# Poġġaman ġdid max-Xatt tal-Isla



It-taqsima tal-ħaddieda tad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi ħadmu poġġaman ġdid u sod fil-ħwienet ta' Kordin. Dan wara li l-poġġaman eżistenti li kien ta' kwalità inferjuri beda jitkisser u jkun ta' periklu. Il-poġġaman inħadem fuq l-istess disinn ta' dak eżistenti iżda b'materjal iktar sod u robust u trattat biex jipproteġih mill-elementi tal-baħar. Bħalissa l-ħaddiema tagħna qed jaqilgħu l-poġġaman l-antik u jpoġġu dak ġdid.

# Strateġija ta' Protezzjoni Kostali għall-gżejjer Maltin




Fis-27 ta' Jannar li għadda ġiet imnedija l-istrateġija għall-protezzjoni tal-kosta tal-gżejjer Maltin. Din saret bejn tliet ministeri, dawk tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, tat-Turiżmu u Protezzjoni tal-Konsumatur, kif ukoll dak tal-Fondi Ewropej. Dan il-proġett qed ikun immexxi mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, flimkien mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. F'dan il-proġett qed jagħtu kontribut ukoll Infrastructure Malta, l-Awtorità tal-Ippjanar, l-Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent, Continental Shelf Department, il-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, id-Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima, il-Ministeru għal Għawdex, il-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ippjanar, kif ukoll l-Università ta' Malta.

Fl-ewwel sena tiegħu dan il-proġett ser janalizza l-problemi ta' erożjoni kostali tul ix-xtajta Maltija fil-kuntest ta' tibdil fil-klima u jidentifika l-prijoritajiet. Imbagħad fit-tieni sena jara x'azzjonijiet u miżuri jistgħu jittieħdu biex tiġi żviluppata strateġija ta' protezzjoni għall-kosta Maltija.

Barra l-Ministri rispettivi kif ukoll is-Segretarju Permanenti, is-Sur Joseph Caruana, tkellmet u kkonkludiet din il-konferenza l-Ambaxxatriċi għat-Tibdil fil-Klima, il-Professur Simone Borg. Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea b'valur ta' madwar €600,000.

# Il-Formal Garden fil-Park Nazzjonali f’Ta’ Qali




Bla dubju ta’ xejn li wieħed mill-akbar proġetti li għandna għaddejjin bħalissa huwa dak tal-Park Nazzjonali f’Ta’ Qali. Dan huwa mqassam fi tliet żoni: dik tal-Park tal-Avventura li ġie inawgurat f’Novembru li għadda, iż-Żona tal-Kunċerti u l-Ġnien Formali li jinsabu fi stadju avvanzat u li bħalissa għaddej xogħol intensiv u kontinwu fuqhom. Fit-tfassil tal-Ġnien Formali, ġiet rispettata l-idea tal-mibki perit Joseph Spiteri, li oriġinarjament kien iddisinja dan il-post fis-snin disgħin.

Fil-Ġnien Formali saru u qed isiru diversi xogħlijiet li jinkludu it-twaqqiegħ ta’ strutturi ta’ wara l-Gwerra kif ukoll ta’ depożiti li akkumulaw tul dawn l-aħħar ħamsin sena. Dan biex dawn il-postijiet ikunu jistgħu jinbidlu f’żoni miftuħa b’landscaping li jixraq u jmur ma’ dan il-post. Il-landscaping jinkludi ammont sabiħ ta’ siġar, arbuxelli, pjanti u turf. Inbena dħul ieħor ġdid għal dan il-post filwaqt li ġiet rinovata l-funtana prinċipali. Ġiet pjantata u saret sistema estensiva ta’ irrigazzjoni li tiżgura tisqija skont il-bżonn għas-siġar, għall-arbuxelli, għall-pjanti u għat-turf tul iż-żmien kollu tas-sena.

Il-Portiku sarlu xogħol ta’ restawr intensiv u nbnew faċilitajiet sanitarji moderni għall-kumdità tal-pubbliku, filwaqt li tqiegħdet medda kbira ta’ pavimentar modern. Saret sistema ġdida għall-ġbir tal-ilma tax-xita kif ukoll ir-restawr tal-ġibjuni eżistenti.

It-teatru Grieg, kif ukoll l-ispazju ta’ taħtu ġew rinovati mill-ġdid, inħolqu wkoll gallerija multi-viżiva u faċilitajiet oħra. Ġiet installata wkoll sistema moderna u mill-aqwa tad-dwal, li titfa’ prominenza fuq il-karatteristiċi tal-kumpless.

Twaħħlet għamara ġdida tat-triq u ġew installati sistemi ġodda ta’ CCTV li jkopru l-park kollu biex tiġi aċċertata sigurtà massima għal kulħadd kif ukoll biex jiġu evitati atti vandali.

## Wasal iż-żmien li jitneħħa r-razziżmu!

Il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza tfisser ir-razziżmu bħala "t-twemmin li raġuni bħal 'razza', kulur, lingwa, reliġjon, nazzjonalità jew nisel nazzjonali jew etniku tiġġustifika d-disprezz lejn persuna jew grupp ta' persuni, jew il-kunċett ta' superjorità ta' persuna jew grupp ta' persuni."

Fl-għaxar snin li għaddew, is-soċjetà tagħna saret dejjem aktar varjata, mhux l-inqas minħabba ċaqliq ta' ċittadini Ewropej u aktar riċentement minħabba flussi migratorji mħallta minn pajjiżi ta' oriġini differenti, il-biċċa l-kbira tagħhom minn stati Afrikani jew Ażjatiċi. Illum, madwar wieħed minn kull ħames residenti Maltin twieldu barra minn Malta, u familji ta' razza mħallta bla għadd kienu u għadhom qegħdin jinħolqu. Residenti barranin ġabu magħhom il-kulturi tagħhom, li xi drabi jidhru differenti ħafna mill-istil ta' ħajja Maltija. Din il-bidla, bħal kull ħaġa li mhijiex familjari, setgħet nisslet biża' f'xi wħud, b'mod speċjali billi l-komunikazzjoni bejn ċittadini Maltin u residenti li twieldu barra minn Malta tista' tixxekkel minħabba fatturi varji, fosthom l-ostaklu tal-lingwa. Hija ħaġa normali li tkun tibża' minn dak li mhux magħruf; madankollu, huwa importanti li din il-biża' tiġi indirizzata billi jitjieb il-fehim reċiproku permezz ta' interazzjoni sinifikanti.

Mela, kif se neliminaw ir-razziżmu? L-ewwel pass effettiv għal kontra r-razziżmu huwa billi toqgħod lura milli taddotta mġiba ostili lejn kwalunkwe persuna bbażata fuq l-identità tagħha, peress li jkun ikkunsidrat intolleranti min-naħa tagħhom. Barra minn hekk, dan ukoll jimplika li twieġeb għar-razziżmu b'mod attiv u titkellem meta tara xi inċidenti. Minbarra li titjieb is-solidarjetà u l-għaqda fost il-popolazzjoni, li tkun kontra r-razziżmu tkun qed issaħħaħ l-identità nazzjonali ta' Malta billi żżomm il-valuri fil-qalba tas-soċjetà: ir-rispett lejn id-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza u l-ħelsien. Il-benesseri ta' Malta jinsab f'idejn kulħadd.

## Impjegati li ngħaqdu magħna dan l-aħħar

**DEBORAH CASSAR**
Ilha impjegata ftit ġimgħat biss magħna bħala Perit mat-Taqsima għall-Kosta u għall-Ilma tal-Għargħar. Bħalissa qed taħdem fuq proġett fil-Marsa, kif ukoll qed tirriċerka dwar metodi u interventi li jistgħu jgħinu biex jevitaw l-erożjoni tal-kosta.



**ANDREA CASSAR**
Jaħdem bħala Perit mat-Taqsima għall-Kosta u għall-Ilma tal-Għargħar. L-irwol tiegħu jikkonsisti fl-investigazzjoni ta' żoni li huma affetwati mill-ilmijiet tal-għargħar, interventi li jistgħu jsiru biex jipprevenu jew inaqsu l-impatt, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' proġetti relatati.



**KURT SAPIANO**
Huwa Perit u l-irwol tiegħu fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi hu li jkun involut f'diversi proġetti strutturali, fosthom it-tħejjija tad-disinni, kif ukoll is-sorveljanza tal-proġetti relatati.



**BERNARD MELI**
Ilu jaħdem mas-Sezzjoni tal-Provisti għal dawn l-aħħar sitt xhur bħala Manager. Fost ir-responsabiltajiet tiegħu hemm il-ħruġ ta' sejħiet għall-offerti, moniteraġġ tal-garanziji bankarji u l-preparazzjoni tal-kuntratti.



**DANIELE MARTINO DEBATTISTA**
Ilu impjegat magħna għal dawn l-aħħar xhur bħala Manager mat-taqsima tal-Moniteraġġ tal-Proġetti. Ir-responsabbiltajiet tiegħu jinkludu li jħejji rapporti dwar il-progress tal-proġetti tagħna u jsegwi l-andament tagħhom.

